



21.1.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett : Petizzjoni 0911/2009, imressqa minn Avilio Presutti, ta' nazzjonalità Taljana, f'isem Consorzio Laziale Rifiuti (CO.LA.RI), rigward sejħiet ta' offerri għall-pjanti ta' kostruzzjoni għat-trattament tal-iskart fi Sqallija**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Is-sejħiet għall-offerti għall-kostruzzjoni ta' numru ta' pjanti għat-trattament tal-iskart oriġinarjament ġew ippubblikati fl-2002 u l-kuntratti ġew mogħtija fl-2003. Fl-2007 il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea ddeċidiet li r-regoli tal-prokurament pubbliku Ewropew ma ġewx irrisspettati u għaldaqstant il-prokurament ġie ddikjarat null u vojt. Sejħiet oħra ta' offerri ġew ippubblikati f'April 2009. Madankollu, l-ispeċifikazzjoni stiednet offerenti biex jibnu fuq ix-xogħol ta' kuntratturi ta' qabel li ġew mogħtija x-xogħol b'mod illegali u anke ħallsithom ta' xogħolhom, minflok ma tathom l-opportunità jagħtuhom soluzzjonijiet professjonali għall-proġett kollu. L-avukat li jirrappreżenta lill-CO.LA.RI jallega li dawn il-kondizzjonijiet b'mod effettiv jeskludu lill-klijent tiegħu milli jibgħat l-offerta tiegħu u jirrappreżentaw tagħwiġ tad-deċizzjoni tal-ECJ. Għaldaqstant huwa jitlob lill-awtoritajiet kompetenti Ewropej sabiex jieħdu l-passi meħtieġa sabiex it-tieni sejhja ta' offerri tiġi kkanċellata.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-22 ta' Ottubru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedni biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-21 ta' Jannar 2010.

Permezz ta' avviżi ta' prokuramenti ppubblikati fid-29 ta' April 2009, l-Aġenzija Reġjonali għall-iskart u l-ilmijiet ta' Sqallija ħarġet erba' sejħiet għall-offerti għall-assenjazzjoni mill-ġdid tal-prokuramenti tas-servizzi għall-użu tal-parti residwa tal-iskart urban prodott fil-komuni tar-Reġjun ta' Sqallija.

Dawn is-servizzi kienu s-suġġett ta' kuntratti magħmula mir-reġjun ta' Sqallija fl-2002, li ġew iddikjarati illegali b'sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Lulju 2007, Kawża C-382/05. Din is-sentenza stabbiliet bil-liġi li:

“Minħabba l-fatt li l-*Presidenza del Consiglio dei Ministri - Dipartimento per la protezione civile - Ufficio del Commissario delegato per l'emerġenza rifiuti e la tutela delle acque in Sicilia* bdiet proċedura għall-għoti ta' kuntratti relatati mal-użu tal-parti residwa ta' skart urban, wara ġbir selettiv, prodott fil-lokalitajiet tar-reġjun ta' Sqallija u kkonkludiet dawn il-kuntratti mingħajr ma applikat il-proċeduri previsti mid-Direttiva tal-Kunsill 92/50KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku (ĠU L 209, p. 1), kif emendata mid-Direttiva 2001/78/KE tat-13 ta' Settembru 2001 u, b'mod partikolari, mingħajr ma ppubblikat l-avviż ta' kuntratt xieraq fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi imposti fuqha mill-imsemmija direttiva, u b'mod partikolari l-Artikoli 11, 15 u 17 tagħha.”

Fl-24 ta' Frar 2009, il-Kummissjoni baġtet Opinjoni motivata skont l-Artikolu 228 tat-Trattat lill-Italja, biex titlob l-adozzjoni tal-miżuri neċessarji biex tiġi eżegwita din is-sentenza (proċedura ta' ksur Nru 2002/5260).

L-amministrazzjoni kompetenti ħarġet is-sejħiet għall-offerti msemmija mill-petizzjonant biex tassinja mill-ġdid is-servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratti illegali u mbagħad tikkanċella dawn il-kuntratti. Ma ntefġhet l-ebda offerta b'risposta għal dawn is-sejħiet għall-offerti.

Għalhekk inħarġu sejħiet għall-offerti ġodda permezz ta' avviżi ppubblikati fil-ĠU tal-UE fit-23 ta' Lulju 2009. Sadanittant, l-eżekuzzjoni tal-kuntratti illegali twaqqfet.

Dawn is-sejħiet għall-offerti l-ġodda wkoll baqgħu ma taw l-ebda riżultat minħabba li ma kienx hemm offerti.

Madankollu, bid-Digriet Nru 339, 340, 341 u 342 tal-11 ta' Settembru 2009, l-amministrazzjoni kompetenti kkanċellat il-kuntratti illegali li kienu s-suġġett tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li għalhekk m'għadhom jipproduċu l-ebda effett.

Il-petizzjonant huwa konsorzju li jopera fis-settur tat-trattament tal-iskart. Huwa jiddenunzja l-allegata illegalità tas-sejħiet għall-offerti msemmija qabel maħruġa f'April 2004.

B'mod partikolari, huwa jilmenta dwar iċ-ċirkustanza li l-awtorità kontraenti poġġiet f'kompetizzjoni t-tkomplija tal-attivitajiet tal-kuntratturi preċedenti, biex tħares ix-xogħlijiet li diġà wettqu. Din iċ-ċirkustanza tikkostitwixxi ksur tas-sentenza tal-Qorti.

Barra minn hekk, skont il-petizzjonant, il-proġett oriġinali, li intuża wkoll biex ġew assenjati mill-ġdid il-prokuramenti inkwistjoni permezz tas-sejħiet għall-offerti l-ġodda msemmija hawn fuq, issa m'għadux fis-seħħ mill-perspettiva teknoloġika. Għalhekk ikun tajjeb li l-awtorità kontraenti tippermetti lill-kompetituri jipproponu proġetti ġodda bbażati fuq teknoloġiji ġodda.

Filwaqt li l-petizzjoni nbaġtet ukoll lill-President Barroso, is-servizzi tal-Kummissjoni diġà baġtu risposta lill-petizzjonant fis-17 ta' Lulju 2009.

Kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

Il-ksur ikkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja bis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Lulju 2007, fil-kawża C-382/05, jikkonċerna l-ksur tar-regoli Komunitarji fil-qasam tal-prokuramenti pubbliċi fl-għoti tal-kuntratti għall-użu tal-parti residwa tal-iskart urban prodott mill-komuni tar-Reġjun ta' Sqallija.

Il-Kummissjoni tosserva li, bi prinċipju, il-preġudizzju għall-provvista ħielsa ta' servizzi li jirriżulta mill-assenjazzjoni illegali ta' kuntratt pubbliku jeżisti għal matul l-eżekuzzjoni kollha tal-kuntratt (ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Lulju 2007, Kawża C-503/04).

Minn dan jirriżulta li l-eżekuzzjoni tas-sentenza msemmija qabel tirrikjedi li l-kuntratti illegali jiġu kkanċellati.

Fl-Opinjoni motivata tagħha tal-24 ta' Frar 2009, il-Kummissjoni qieset li l-kanċellazzjoni ta' dawn il-kuntratti wara l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-prokuramenti għas-servizzi inkwistjoni permezz ta' sejħa għall-offerti ġdida kienet miżura adegwata biex tiġi eżegwita s-sentenza.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-għażla tal-awtorità kontraenti li jitkomplew ix-xogħlijiet tal-kuntratturi preċedenti, biex jiġu salvagwardjati x-xogħlijiet diġà mwettqa minnhom, il-Kummissjoni tqis li din l-għażla tidher ġustifikata bl-eżiġenza li tiġi garantita l-kontinwità tax-xogħlijiet ta' trattament tal-iskart fi Sqallija, hekk kif inhuma previsti fil-Pjan Reġjonali għall-iskart, u, f'din il-perspettiva, dan ma jidhirx li jippreġudika l-eżekuzzjoni korretta tas-sentenza tal-Qorti.

Fir-rigward tal-konsiderazzjoni li skontha l-proġett oriġinali m'għadux fis-seħħ, il-Kummissjoni tosserva li lanqas din iċ-ċirkustanza ma setgħet taffettwa l-eżekuzzjoni korretta tas-sentenza inkwistjoni, li timponi t-twaqqif tal-effetti tal-kuntratti magħmula illegalment u mhux li jiġu riveduti l-għażliet tekniċi tal-amministrazzjoni.

F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li l-liġi Komunitarja relatata mal-prokuramenti pubbliċi tħalli f'idejn l-awtorità kontraenti l-għażliet ta' natura teknika li abbażi tagħhom jiġi definit is-suġġett tal-prokurament. L-evalwazzjoni tal-adeqwatezza ta' dawn l-għażliet fir-rigward tal-oġġettivi fil-mira għalhekk ma taqax fl-attività ta' kontroll tal-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja fir-rigward tal-prokuramenti pubbliċi li l-Kummissjoni hija inkarigata minnha.

Kien x'kien il-każ, għandu jiġi kkonstatat li minkejja s-sejħiet għall-offerti maħruġa darbtejn (f'April u f'Lulju 2009), l-amministrazzjoni kompetenti ma setgħetx terġa' tassenja l-prokuramenti inkwistjoni billi ma rċeviet l-ebda offerta, iżda hija xorta waħda kkanċellat il-kuntratti illegali.

Billi l-kuntratti msemmija magħmula bi ksur tal-liġi Komunitarja m'għadhom jipproduċu l-ebda effett, il-Kummissjoni qieset li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ġiet eżegwita u għalhekk iddeċidiet li tagħlaq il-proċedura ta' ksur 2002/5660 fl-20 ta' Novembru 2009.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni ħadet l-inizjattivi neċessarji biex tiżgura l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Lulju 2007, fil-Kawża C-382/05. F'dan l-ambitu, hija vverifikat li l-awtoritajiet Taljani adottaw il-miżura neċessarja biex jikkonformaw mas-sentenza tal-Qorti, jġigifieri l-kanċellazzjoni tal-kuntratti illegali.

Għalhekk, f'dan l-istadju mhi prevista l-ebda inizjattiva oħra.